# Status tal-politika dwar l-attività fiżika f'Malta

## L-indiċi tal-politika ta' MOVING

Din l-istampa tal-pajjiż tippreżenta riżultati dettaljati tal-**indiċi tal-politika ta' MOVING** [1] għal Malta. Tenfasizza l-punti tajbin u d-dgħufijiet fit-tfassil tal-politiki dwar l-attività fiżika tal-gvern nazzjonali. Din l-istampa tissupplimenta r-riżultati tal-indiċi tal-politika b'ħarsa fil-fond lejn il-kwalità tat-tfassil tal-politika. Ir-riżultati sħaħ tal-indiċi tal-politika huma spjegati fir-rapport ta' MOVING li jqabbel lil Malta ma' 29 pajjiż Ewropew ieħor.

### Il-messaġġi ewlenin

1. Malta timplimenta biss politiki fi tnejn minn sitt kategoriji tal-qafas MOVING, li juri li meħtieġa aktar politiki mill-gvern nazzjonali. Kategorija waħda kellha valutazzjoni tajba: inizjattivi li jippromwovu l-attività fiżika fl-iskejjel, fil-komunità u r-rikreazzjoni (M).

2. Ġew identifikati dgħufijiet fi ħdan il-kategoriji fl-inizjattivi għall-komunità (M) u kampanji għal sensibilizzazzjoni pubblika li jippromwovu l-attività fiżika (N). Jidher li hemm distakki fi ħdan il-kategoriji kollha, iżda b'mod partikolari fin-nuqqas ta' linji gwida dwar l-attività fiżika (N) u l-attività fiżika wara l-ħinijiet tal- iskola (M).

3. Ma ttieħdet l-ebda azzjoni fil-maġġoranza l-kbira tal-qafas MOVING, bħal opportunitajiet għal attività fiżika fuq il-post tax-xogħol u taħriġ (O), strutturi u ambjenti tal-madwar li jippromwovu l-attività fiżika (V), azzjonijiet ta' titjib fis-sigurtà fit-toroq (I), u taħriġ fl-attività fiżika fi ħdan l-ambjenti tal-kura tas-saħħa u l-outpatients (G). Għaldaqstant, huma meħtieġa aktar azzjoni u tfassil sod ta' politiki fil-kategoriji kollha biex jittejjeb l-istatus tal-politika dwar l-attività fiżika fil-pajjiż.

### Ħarsa ġenerali lejn l-istatus tal-politika

| L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA | FQIRA | PASSABBLI | MODERATA | TAJBA | EĊĊELLENTI |
|---|---|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| M | **Maħluqa opportunitajiet u inizjattivi li jippromwovu l-attività fiżika fl-iskejjel, fil-komunità u l-isport u r-rikreazzjoni** | TAJBA |
| O | **Offruti opportunitajiet ta' attività fiżika fuq il-post tax-xogħol u taħriġ fil-promozzjoni ta' attività fiżika fi professjonijiet multipli** | L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA |
| V | **Viżwalizzati u attwati strutturi u ambjenti tal-madwar li jippromwovu l-attività fiżika** | L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA |
| I | **Implimentati infrastruttura tat-trasport u opportunitajiet li jappoġġaw is-soċjetajiet attivi** | L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA |
| N | **Normalizzata u miżjuda l-attività fiżika permezz ta' komunikazzjoni pubblika li timmotiva u tibni ħiliet għal bidla fl-imġiba** | PASSABBLI |
| G | **Għoti ta' taħriġ fl-attività fiżika, il-valutazzjoni u l-konsulenza f'ambjenti tal-kura tas-saħħa** | L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA |

Din l-istampa hija bbażata fuq politiki fil-livell nazzjonali biss. Il-politiki maħruġa mill-gvernijiet lokali, reġjonali jew provinċjali mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett.

### Metodi

Il-metodi tal-indiċi tal-politika ta' MOVING huma spjegati bis-sħiħ fir-**rapport** assoċjata. Fil-qosor, l-indiċi tal-politiak jgħaqqad il-valuri għal a) preżenza ta' politiki, u b) it-tfassil ta' politiki għal 23 parametru referenzjarju.

Il-parametri referenzjarji huma applikati għall-politiki fil-**bażi tad-data ta' MOVING** [2], miġbura permezz ta' analiżi komprensiva fi 30 pajjiż Ewropew, inkluża Malta.




Metodi użati biex jipproduċu r-riżultati tal-indiċi tal-politika

## Analiżi tar-riżultati tal-indiċi tal-politika

(Għad-dettalji sħaħ dwar il-kriterji tat-tfassil tal-politiki, ikkonsulta r-rapport)

| | |
|---|---|
| ✕ L-ebda politika identifikata | ● Tissodisfa sa 75% tat-tfassil tal-politika |
| ● Tissodisfa sa 25% tat-tfassil tal-politika | ● Tissodisfa sa 99% tat-tfassil tal-politika |
| ● Tissodisfa sa 50% tat-tfassil tal-politika | ● Tissodisfa l-krtierji kollha |

| | | |
|---|---|---|
| M | Attività fiżika fl-iskejjel u PE | Tissodisfa sa 99% |
| | Attività fiżika fil-klassijiet u barra minnhom | Tissodisfa sa 99% |
| | Attività fiżika wara l-ħin tal-iskola | ✕ |
| | Inizjattivi għall-komunità u parteċipazzjoni tal-massa | Tissodisfa sa 75% |
| | Attività fiżika għal persuni tal-etajiet u d-diżabbiltajiet kollha | Tissodisfa l-krtierji kollha |
| | Inċentivi finanzjarji għall-promozzjoni tal-attività fiżika | Tissodisfa sa 99% |
| O | Taħriġ għall-professjonisti li mhumiex fil-kura tas-saħħa | ✕ |
| | Attività fiżika fuq il-post tax-xogħol | ✕ |
| V | Linji gwida u regolamenti dwar disinn għall-bini | ✕ |
| | Linji gwida dwar disinn attiv barra mill-bini | ✕ |
| | Linji gwida dwar disinn attiv għal spazji miftuħa/ħodor | ✕ |
| | Infrastruttura għall-mixi u ċ-ċikliżmu | ✕ |
| | Politiki integrati għad-disinn urban u l-użu tal-art | ✕ |
| | Aċċess għal spazji miftuħa u spazju ħodor pubbliċi ta' kwalità | ✕ |
| I | Politiki li jappoġġaw it-trasport pubbliku | ✕ |
| | Azzjonijiet għas-sigurtà fit-toroq inkluż is-sigurtà ta' nies pedonali, ċiklisti, eċċ | ✕ |
| | Kampanji ta' komunikazzjoni tal-massa għall-promozzjoni tat-trasport | ✕ |
| | Politiki li jippromwovu t-trasport attiv | ✕ |
| N | Kampanji tal-media tal-massa u kummerċjalizzazzjoni soċjali li jippromwovu l-attività fiżika | Tissodisfa sa 50% |
| | L-iżvilupp u l-komunikazzjoni ta' linji gwida dwar l-attività fiżika | ✕ |
| G | Taħriġ qabel u waqt is-servizz fi ħdan il-kura tas-saħħa | ✕ |
| | Kura primarja (valutazzjoni, konsulenza u ordnar ta' attività fiżika) | ✕ |
| | Ambjenti tal-kura tas-saħħa u l-outpatients | ✕ |

**Nota:** Il-pajsaġġ tal-politiki fi kwalunkwe pajjiż jevolvi maż-żmien. Dawn ir-riżultati jirriflettu l-għarfien tagħna sa Mejju 2023. Biex tara r-riżultati l-aktar riċenti u għal aktar informazzjoni teknika dwar l-indiċijiet tal-politiki, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna: **wcrf.org/our-policy-work**.

Għal feedback jew aġġornamenti ssuġġeriti, jekk jogħġbok ibgħat email fuq **policy@wcrf.org**. Aktar informazzjoni dwar il-proġett CO-CREATE tista' tinsab fuq **co-create.eu**

**[1]** Indiċi tal-politiki: **wcrf.org/physical-activity-policy-index** **[2]** Bażi tad-data tal-politiki: **policydatabase.wcrf.org**

World Cancer Research Fund International

Dan il-proġett ingħata finanzjament mill-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Horizon 2020 (Orizzont 2020) tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 774210.
Dan id-dokument jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi u l-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fih.

CO-CREATE